DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2272

tal-20 ta' Diċembru 2021

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1616 fir-rigward tal-istandards armonizzati għal tubi tal-azzar inossidabbli mingħajr weldjaturi u tubi tal-azzar inossidabbli wweldjati, għal foroġ tal-azzar għal skopijiet ta' pressjoni f'temperatura għolja u bi proof strength għolja, għal reċipjenti taħt pressjoni mhux esposti għan-nar u għal apparati ta' forniment tal-fjuwil lill-vetturi għal vetturi tal-gass naturali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/68/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), l-apparat jew l-assemblaġġi ta' pressjoni li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 4(1) u (2) ta' dik id-Direttiva li jkunu konformi ma' standards armonizzati jew ma' partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali koperti minn dawk l-istandards jew partijiet minnhom li hemm referenza għalihom fl-Anness I ta' dik id-Direttiva.

(2) Permezz tal-ittra M/071 tal-1 ta' Awwissu 1994, il-Kummissjoni talbet lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) biex ifassal, fir-rigward tal-apparat ta' pressjoni, l-istandards relatati mal-prodotti u l-istandards ta' natura orizzontali b'appoġġ għad-Direttiva 97/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Dik id-Direttiva ġiet sostitwita bid-Direttiva 2014/68/UE mingħajr ma nbidlu r-rekwiżiti essenzjali tas-sikurezza li hemm referenza għalihom fl-Anness I tad-Direttiva 97/23/KE.

(3) Abbażi tat-talba M/071, is-CEN abbozza l-istandard armonizzat EN 13445-10:2021 dwar reċipjenti taħt pressjoni mhux esposti għan-nar, tan-nikil u tal-ligi tan-nikil, u l-istandard armonizzat EN 17278:2021 dwar apparati ta' forniment tal-fjuwil lill-vetturi għal vetturi tal-gass naturali.

(4) Abbażi tat-talba M/071 u biex jiġi rifless l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, is-CEN irreveda u emenda wħud mill-istandards armonizzati eżistenti. B'mod speċifiku, is-CEN irreveda l-istandards armonizzati EN 10216-5:2013 u EN 10217-7:2014 li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati bil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2016/C 293/01 ([4]) u dan irriżulta fl-adozzjoni tal-istandards armonizzati EN 10216-5:2021 u EN 10217-7:2021, rispettivament, dwar tubi tal-azzar inossidabbli mingħajr weldjaturi u tubi tal-azzar inossidabbli wweldjati għal skopijiet ta' pressjoni. Is-CEN emenda wkoll l-istandards armonizzati EN 10222-2:2017 u EN 10222-4:2017 li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati bil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2017/C 389/01 ([5]) u dan irriżulta fl-adozzjoni tal-istandards armonizzati EN 10222-2:2017+A1:2021 u EN 10222-4:2017+A1:2021 dwar il-forġ tal-azzar għal skopijiet ta' pressjoni.

([1]) ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.

([2]) Id-Direttiva 2014/68/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mat-tqegħid fis-suq ta' apparat ta' pressjoni (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 164).

([3]) Id-Direttiva 97/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Mejju 1997 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' apparat ta' pressjoni (ĠU L 181, 9.7.1997, p. 1).

([4]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/68/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mat-tqegħid fis-suq ta' apparat ta' pressjoni (Pubblikazzjoni ta' titli u referenzi ta' standards armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni), (ĠU C 293, 12.8.2016, p. 1).

([5]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/68/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mat-tqegħid fis-suq ta' apparat ta' pressjoni (Pubblikazzjoni ta' titli u referenzi ta' standards armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni),(ĠU C 389, 17.11.2017, p. 1).

(5) Barra minn hekk, is-CEN irreveda l-istandards armonizzati li ġejjin dwar reċipjenti taħt pressjoni mhux esposti għannar li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati bil-Komunikazzjoni 2016/C 293/01: EN 13445-1:2014, EN 13445-1:2014/A1:2014, EN 13445-4:2014, EN 13445-8:2014 u EN 13445-8:2014/A1:2014. Dan irriżulta, rispettivament, fl-adozzjoni tal-istandards armonizzati li ġejjin: EN 13445-1:2021, EN 13445-4:2021 u EN 13445-8:2021.

(6) Barra minn hekk, abbażi tat-talba M/071, is-CEN emenda l-istandards li ġejjin, li r-referenzi tagħhom huma inklużi fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1616 ([6]): EN 13445-2:2014, EN 13445-2:2014/A1:2016, EN 13445-2:2014/A2:2018, EN 13445-2:2014/A3:2018 dwar materjali għal reċipjenti taħt pressjoni mhux esposti għan-nar; EN 13445-3:2014, EN 13445-3:2014/A1:2015, EN 13445-3:2014/A2:2016, EN 13445-3:2014/A3:2017, EN 13445-3:2014/A4:2018, EN 13445-3:2014/A5:2018, EN 13445-3:2014/A6:2019, EN 13445-3:2014/A7:2019 u EN 13445-3:2014/A8:2019 dwar id-disinn ta' reċipjenti taħt pressjoni mhux esposti għan-nar; EN 13445-5:2014, EN 13445-5:2014/A1:2018 dwar l-ispezzjoni u l-ittestjar għal reċipjenti taħt pressjoni mhux esposti għan-nar u EN 13445-6:2014, EN 13445-6:2014/A2:2018 dwar id-disinn u l-fabbrikazzjoni ta' reċipjenti taħt pressjoni mhux esposti għan-nar mibnija minn ħadid fondut bil-grafit sferojdali. Dan irriżulta fl-adozzjoni tal-istandards armonizzati EN 13445-2:2021, EN 13445-3:2021, EN 13445-5:2021 u EN 13445-6:2021.

(7) Il-Kummissjoni, flimkien mas-CEN, ivvalutat jekk dawk l-istandards dwar l-apparat ta' pressjoni kif abbozzati, emendati jew riveduti mis-CEN humiex konformi mat-talba M/071.

(8) L-istandards relatati mal-apparat ta' pressjoni kif abbozzati, emendati jew riveduti mis-CEN jissodisfaw ir-rekwiżiti li għandhom l-għan li jkopru u li hemm referenza għalihom fl-Anness I tad-Direttiva 2014/68/UE. Għalhekk huwa xieraq li r-referenzi ta' dawk l-istandards jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(9) L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1616 jelenka r-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/68/UE. Ir-referenzi tal-istandards armonizzati EN 13445-10:2021, EN 17278:2021, EN 10216-5:2021, EN 10217-7:2021, EN 10222-2:2017+A1:2021, EN 10222-4:2017+A1:2021, EN 13445-1:2021, EN 13445-4:2021, EN 13445-8:2021, EN 13445-2:2021, EN 13445-3:2021, EN 13445-5:2021 u EN 13445-6:2021 jenħtieġ li jiġu inklużi f'dak l-Anness.

(10) L-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1616 jelenka r-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/68/UE li ġew irtirati minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. L-istandards armonizzati li ġejjin, li r-referenzi tagħhom huma ppubblikati bil-komunikazzjonijiet 2016/C 293/01 u 2017/C 389/01 ġew sostitwiti, riveduti jew emendati: EN 10216-5:2013, EN 10217-7:2014, EN 10222-2:2017, EN 10222-4:2017, EN 13445-1:2014, EN 13445-1:2014/A1:2014, EN 13445-4:2014, EN 13445-8:2014, EN 13445-8:2014/A1:2014. Għalhekk jenħtieġ li r-referenzi ta' dawk l-istandards jiġu inklużi fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1616.

(11) Jeħtieġ ukoll li jiġu rtirati r-referenzi tal-istandards armonizzati EN 13445-2:2014, EN 13445-3:2014, EN 13445-5:2014 u EN 13445-6:2014 flimkien ma' kwalunkwe emenda għalihom ippubblikata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1616, peress li dawn ġew sostitwiti. Għalhekk, huwa xieraq li dawk ir-referenzi jitħassru mill-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

(12) Sabiex il-manifatturi jingħataw biżżejjed żmien biex jippreparaw għall-applikazzjoni tal-istandards ġodda, tal-istandards riveduti jew tal-istandards emendati, huwa meħtieġ li l-irtirar tar-referenzi ta' dawk l-istandards armonizzati jiġi differit.

(13) Għalhekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1616 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

(14) Il-konformità ma' standard armonizzat tikkonferixxi preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza ta' tali standard f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha,

([6]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1616 tas-27 ta' Settembru 2019 dwar l-istandards armonizzati għall-apparat ta' pressjoni abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/68/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 250, 30.9.2019, p. 95).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1616 hija emendata kif ġej:

(1) l-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' din id-Deċiżjoni;

(2) l-Anness II huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-punt (1) tal-Anness I għandu japplika mill-21 ta' Ġunju 2023.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(1) jitħassru l-entrati 7, 8, 9 u 10;

(2) l-entrati 7a, 8a, 9a u 10a li ġejjin jiddaħħlu fil-post xieraq sekwenzjalment skont in-numru tal-entrata:

Nru	Referenza tal-istandard
"7a.	EN 13445-2:2021 Reċipjenti taħt pressjoni mhux esposti għan-nar - Parti 2: Materjali"
"8a.	EN 13445-3:2021 Reċipjenti taħt pressjoni mhux esposti għan-nar - Parti 3: Disinn"
"9 a.	EN 13445-5:2021 Reċipjenti taħt pressjoni mhux esposti għan-nar - Parti 5: Spezzjoni u ttestjar"
"10 a.	EN 13445-6:2021 Reċipjenti taħt pressjoni mhux esposti għan-nar - Parti 6: Rekwiżiti għad-disinn u l-fabbrikazzjoni ta' reċipjenti taħt pressjoni u partijiet taħt pressjoni magħmulin minn ħadid fondut bil-grafit sferojdali";

(3) jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

Nru	Referenza tal-istandard
"42.	EN 10216-5:2021 Tubi tal-azzar mingħajr weldjaturi għal skopijiet ta' pressjoni - Kundizzjonijiet tekniċi ta' forniment - Parti 5: Tubi tal-azzar inossidabbli
43.	EN 10217-7:2021 Tubi tal-azzar iwweldjati għal skopijiet ta' pressjoni - Kundizzjonijiet tekniċi ta' forniment - Parti 7: Tubi tal-azzar inossidabbli
44.	EN 10222-2:2017+A1:2021 Forġ tal-azzar għal skopijiet ta' pressjoni - Parti 2: Azzar ferritiku u azzar martensitiku bi proprjetajiet speċifikati f'temperaturi elevati
45.	EN 10222-4:2017+A1:2021 Forġ tal-azzar għal skopijiet ta' pressjoni - Parti 4: Azzar b'partikoli fini li jista' jiġi wweldjat, bi proof strength għolja
46.	EN 13445-1:2021 Reċipjenti taħt pressjoni mhux esposti għan-nar - Parti 1: Ġenerali
47.	EN 13445-4:2021 Reċipjenti taħt pressjoni mhux esposti għan-nar - Parti 4: Fabbrikazzjoni
48.	EN 13445-8:2021 Reċipjenti taħt pressjoni mhux esposti għan-nar - Parti 8: Rekwiżiti addizzjonali għal reċipjenti taħt pressjoni, tal-aluminju u ta' ligi tal-aluminju
49.	EN 13445-10:2021 Reċipjenti taħt pressjoni mhux esposti għan-nar - Parti 10: Rekwiżiti addizzjonali għal reċipjenti taħt pressjoni, tan-nikil u ta' ligi tan-nikil
50.	EN 17278:2021 Vetturi tal-gass naturali - Apparati ta' forniment tal-fjuwil lill-vetturi".

ANNESS II

Fl-Anness II, jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

Nru	Referenza tal-istandard	Data tal-irtirar
"40.	EN 10216-5:2013 Tubi tal-azzar mingħajr weldjaturi għal skopijiet ta' pressjoni - Kundizzjonijiet tekniċi ta' forniment - Parti 5: Tubi tal-azzar inossidabbli	Il-21 ta' Ġunju 2023
41.	EN 10217-7:2014 Tubi tal-azzar iwweldjati għal skopijiet ta' pressjoni - Kundizzjonijiet tekniċi ta' forniment - Parti 7: Tubi tal-azzar inossidabbli	Il-21 ta' Ġunju 2023
42.	EN 10222-2:2017 Foroġ tal-azzar għal skopijiet ta' pressjoni - Parti 2: Azzar ferritiku u azzar martensitiku bi proprjetajiet speċifikati f'temperaturi elevati	Il-21 ta' Ġunju 2023
43.	EN 10222-4:2017 Foroġ tal-azzar għal skopijiet ta' pressjoni - Parti 4: Azzar b'partikoli fini li jista' jiġi wweldjat, bi proof strength għolja	Il-21 ta' Ġunju 2023
44.	EN 13445-1:2014 Reċipjenti taħt pressjoni mhux esposti għan-nar - Parti 1: Ġenerali EN 13445-1:2014/A1:2014	Il-21 ta' Ġunju 2023
45.	EN 13445-4:2014 Reċipjenti taħt pressjoni mhux esposti għan-nar - Parti 4: Fabbrikazzjoni	Il-21 ta' Ġunju 2023
46.	EN 13445-8:2014 Reċipjenti taħt pressjoni mhux esposti għan-nar - Parti 8: Rekwiżiti addizzjonali għal reċipjenti taħt pressjoni, tal-aluminju u ta' ligi tal-aluminju EN 13445-8:2014/A1:2014	Il-21 ta' Ġunju 2023"